**28 ta' Marzu, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, C.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D.; President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Avukat Dr. Giuseppe Victor Salomone ne.

*versus*

Lewis Dingli ne.

**"Trade Mark" — Reġistrazzjoni — Rekwiżiti — "Red Seal" — Art. 83 tal-Kap. 48.**

*Skond il-liġi tagħna, biex kelma jew kliem jistgħu jiġu reġistrati bħala markji distintivi tal-kummerċ, jeħtieġ illi jissoddisfaw kumulattivament tliet kondizzjonijiet, ċjoè illi jkunu (1) "distinctive", (2) "fancy words", (3) u mhux "in common use".*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti rriteniet illi l-kliem "Red Seal" ma jissoddisfawx dawn ir-rekwiżiti, u għalhekk ġiet konfermata d-deċiżjoni tal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali li kien ċaħad it-talba għar-reġistrazzjoni ta' dawn il-kliem bħala "trade mark".*

Dan hu appell mid-deċiżjoni ta' Lewis Dingli bħala Aġent Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali tat-12 ta' Settembru 1959, li biha ċaħad it-talba tal-appellant għar-reġistrazzjoni tat-trade mark "Red Seal" f'isem id-ditta "Slumberland Limited" dwar "furniture mattresses, mattress bases, divans, bedding (other than bed clothing), pillows, bolsters and cushions";

Ir-raġuni li ta l-appellat għaċ-ċaħda tat-talba għar-reġistrazzjoni kienet illi l-kliem "Red Seal", fit-tifsir ordinarju tiegħu, ma jistgħax jitqies bħala marka distintiva li tiddistingwi l-merkanzja tal-appellant minn dik ta' ħadd ieħor;

Skond il-liġi tagħna, kontenuta fl-art. 83 tal-Kap. 48 (liema dispożizzjoni ġiet ikkupjata kelma b'kelma mill-art. 64 tal-Att Ingliż tal-1883), biex kelma jew kliem jistgħu jiġu reġistrati bħala "trade marks", jeħtieġ illi jissoddisfaw kumulattivament tliet kondizzjonijiet, ċjoè jeħtieġ illi jkunu (1) "distinctive". (2) "fancy words", (3) u mhux "in common use" (ara Sebastian, 5th edition, p. 53);

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kliem "Red Seal" ma jissoddisfawx dawn it-tliet rekwiżiti;

Kif jidher mid-dokumenti eżibiti mill-appellat, il-kliem "Red Seal", jew emblemi u mudelli ta' siġill aħmar, huma wżati fil-kummerċ għal varjetà kbira ta' oġġetti ta' kull xorta, inklużi tè, likuri, arloġġi, u kutri. L-idea evidentement hi li bl-użu ta' dawn il-markji l-produtturi jridu jindikaw il-kwalità tajba u ġenwina tal-oġġetti, appuntu kif is-siġill aħmar fuq dokumenti huwa sinjal tal-ġenwinità u awtentiċità tiegħu;

Fil-każ preżenti l-appellant innifsu qal espressament

fil-petizzjoni tal-appell illi l-kliem użati minnu, inklużi dawk in kwistjoni, "jiddistingwu varji mudelli u d-diversi kwalitajiet — superjuri jew inferjuri — li jinbiegħu bi prezzijiet differenti" (fol. 10). L-istess ħaġa hi ripetuta sostanzjalment fol. 20 tergo, 21 tergo u 23, fis-sens illi dawk id-deżinjazzjonijiet jindikaw "gradazzjoni ta' kwalità", u li d-deżinjazzjoni "Red Seal" tindika kwalità superjuri;

Min dan jidher illi l-kelmiet "Red Seal" la huma "fancy words" u anqas huma kliem "not in common use". Lanqas jista' jingħad illi huma "distinctive" fihom innfushom, apparti mill-użu, peress illi, kif intqal fuq, huma, u huma ntiżi biex ikunu, deskrittivi ta' kwaltà ta' ċertu mudell;

Għalhekk, id-deċiżjoni tal-appellat kienet ġustifikata, u l-appell ma jistgħx jiġi milqugħ;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.